MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 922/2005

**Avukat Dr. Stephen MUSCAT bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera Elastogram Gmbh**

**vs**

**POLYFOAM LIMITED (C862)**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni imressaq fl-4 ta' Ottubru, 2005, li bih l-attur nomine ppremetta;

Illi s-soċjeta' konvenuta għandha tagħti lis-soċjeta' attriċi mandanti s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf disa' mija u tletin Euro (Euro 27,930), li fid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna tammonta għal ħdax-il elf disa' mija u disgħin Lira Matija u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm11,990.35), eskluż l-imgħax kummerċjali relattiv, u dana skond żewġ fatturi datati rispettivament 2 ta' Lulju,

2003 u 11 ta’ Lulju, 2003, (kopja tagħhom hawn annessa, u mmarkati Dok. A u Dok. B), u liema somma tirrappreżenta valur ta’ materja prima li s-soċjeta’ konvenuta xtrat mingħand is-soċjeta’ attriċi mandanti;

Illi minkejja li s-soċjeta’ konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-imsemmi debitu, anke permezz ta’ ittra legali tal-15 ta’ Ġunju, 2004 (kopja tagħha hawn annessa u mmarkata Dok. C), hija sallum baqgħet inadempjenti.

Għaldaqsant, l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara li s-soċjeta’ konvenuta għandha tagħti lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ ħdax-il elf disa’ mija u disgħin Lira Maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm11,990.35), jew somma oħra verjuri, li dina l-Onorabbli Qorti tillikwida, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

2. Tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ ħdax-il elf disa’ mija u disgħin Lira Maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm11,990.35), jew somma oħra verjuri, li dina l-Onorabbli Qorti tillikwida, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra legali tal-15 ta’ Ġunju, 2004, u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju ppreżentati kontestwalment, u bl-imgħax kummerċjali fuq ħames elef u tnejn u għoxrin Lira Maltija u wieħed u tmenin ċenteżmu (Lm5,0221.81), ekwivalenti għal ħdax-il elf seba’ mitt Euro (Euro 11,700) mit-2 ta’ Lulju, 2004, u fuq sitt elef disa’ mija u sebgħa u disgħin Lira Maltija u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm6,967.54), ekwivalenti għal sittax-il elf mitejn u tletin Euro (Euro 16,230) mill-11 ta’ Lulju, 2004, sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra s-soċjeta’ konvenuta, li r-rappreżentant jew rappreżentanti legali tagħha huwa/huma minn issa nġunt/i għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-nota tax-xiehda mressqa mill-attur nomine, flimkien mad-dokumenti mehmużin magħha;

Rat illi ċ-Ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' mħarrka fit-12 ta' Ottubru, 2005, li naqset li tippreżenta Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilha mil-Liġi u hekk baqgħet kontumaċi;

Rat il-verbali tas-smigħ ben il-25 ta' Novembru, 2005, u s-16 ta' Jannar, 2007, li bihom u fuq talba tal-partijiet, il-kawża kienet qegħda titħalla għaċ-ċessjoni bil-ħsieb u l-kwestjonitkun transatta bi ftehim barra l-Qorti;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-lum u b'mod partikolari d-dikjarazzjoni tal-attur nomine u t-talba tiegħu li l-Qorti tkompli s-smigħ tal-kawża;

Semgħet lill-attur nomine;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Rat li l-kumpannija mħarrka naqset li tidher għas-smigħ;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fiċ-Ċitazzjoni jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' imħarrka tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni billi tikkundanna lill-istess kumpannija mħarrka tħallas lill-attur nomine s-somma ta' ħdax-il elf disa' mija u disgħin Liri Maltin u ħamsa u tletin ċenteżmi (Lm11,990.35), rappreżentanti l-import ta' materja prima lilha mibjugħa bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' imħarrka u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija sommal li għandhom jibdew jgħaddu b'effett mill-11 ta' Lulju, 2004, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------